**28 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Carmel *sive* Lino Chircop *et noe*

*versus*

Alfred Falzon Sant Manduca *noe*

**Preskrizzjoni – Interruzzjoni – Interruzzjoni permezz ta' Att Ġudizzjarju – Att Ġudizzjarju – Rinunzja**

*L-atturi fittxew għall-bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet strutturali.*

*Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, u tagħlaq minnufih li jgħaddi l-aħħar jum taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni. Għal dak li huwa rilevanti għall-każ, il-preskrizzjoni tinkiser b'kull att ġudizzjarju tal-kreditur kontra d-debitur, li bih il-kreditur juri biċ-ċar li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu. Tista' ssir rinunzja għall-preskrizzjoni ġà akkwistata. Ir-rinunzja tista' tkun espressa jew taċita (meta tiġi mill-fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat).*

*Il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenut.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta' April, 1988, fejn jinsabu rijassunti t-talbiet ta' l-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; u li permezz tagħha ddikjarat li l-preskrizzjoni nvokata mill-konvenut *nomine* hija applikabbli u tikkolpixxi l-azzjoni ta' l-atturi *nomine;*

Semgħet il-provi prodotti;

Eżaminat id-dokumenti esebiti, kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi f'din l-azzjoni l-atturi ddeduċew żewġ talbiet prinċipali:

**Fl-ewwel waħda** l-attur qegħdin jitolbu li l-konvenut *nomine* jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' Lm1,926.50,0 bħala bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet strutturali li huma għamlulu fil-Wardija *Hilltop Village;* u,

**Fit-tieni waħda l-**atturi qegħdin j͏i olbu li l-konvenut jiġi kkundannat jirritornalhom tmien *"telescopic props"* ossija puntali li ħallew warajhom fuq il-post meta lestew ix-xogħlijiet. It-tielet talba hija anċillari u sussidjarja għat-tieni talba, u l-eżitu tagħha għal kollox jiddependi fuq l-eżitu tat-tieni talba;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba, il-konvenut *nomine* qed jinvoka l-preskrizzjoni breve kkontemplata fl-artikolu 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili (illum artikolu 2149(a) ta' l-istess Kodiċi, Edizzjoni Riveduta ta' l-1984), li jipprovdi hekk:

"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:

(a) L-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastiment jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra

ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu'';

(L-azzjonijiet l-oħra, ikkontemplati fil-paragrafi (b) sa (e) m'humiex rilevanti għall-każ in eżami);

Illi bis-sentenza tagħha tal-25 ta' April, 1988, fl-atti ta' din il-kawża, diġà ġie deċiż li din il-preskrizzjoni hija applikabbli għall-fattispecie tal-kawża odjerna. Jonqos issa jiġi eżaminat jekk iż-żmien rikjest għall-preskrizzjoni in kwistjoni kienx ġà mmatura jew le meta ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni odjerna. Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, u tagħlaq minnufih li jgħaddi l-aħħar jum taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni (b'dan li jekk l-aħħar jum ikun jaħbat is-Sibt jew btala pubblika, iż-żmien jagħlaq malli jgħaddi l-ewwel jum ta' wara, li ma jkunx is-Sibt jew btala pubblika) – ara artikoli 2137 u 2139 tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis;*

Illi mill-premess jidher li ż-żmien ta' sentejn rikjest għall-preskrizzjoni nvokata mill-konvenut *nomine* beda għaddej mis-6 ta' Ottubru, 1981, u altru li kien iddekorra meta ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni fil-11 ta' Ġunju, 1986;

Illi jinħtieġ jiġi eżaminat jekk il-preskrizzjoni ġietx interrotta jew rinunzjata (mill-konvenut *nomine)* qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni. Din hija prova li jinkombi lill-atturi li jagħmlu;

Illi għal dak li huwa rilevanti għall-każ, il-preskrizzjoni tinkiser b'kull att ġudizzjarju tal-kreditur kontra d-debitur, li bih il-kreditur juri biċ-ċar li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu. Issa,

l-atturi jgħidu fl-att taċ-ċitazzjoni li huma kienu għamlu żewġ ittri uffiċjali kontra l-konvenut, waħda fl-24 ta' Mejju, 1985, u l-oħra fil-25 ta' Frar, 1986. Però dak li ngħad fiċ-ċitazzjoni huwa mera allegazzjoni u mhux prova, u l-atturi baqgħu ma ppruvawx li huma effettivament għamlu dawn l-ittri uffiċjali lill-konvenut *nomine.* Għall-kuntrarju l-konvenut fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu qal li huwa qatt ma ġie nnotifikat b'ittra uffiċjali; u li minn tiftix li sar fl-atti tal-Qorti dawn l-ittri uffiċjali lis-soċjetà konvenuta qatt ma saru, għalkemm din l-aħħar parti m'għandhiex wisq valur billi hija pjuttost *"hearsay evidence".* Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu (fol. 33 para. 4) l-atturi jgħidu li "fis-26 ta' Frar, 1986, huma interpellaw lill-konvenut biex iħallas is-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni. Dan hu ammess mill-konvenut: "ara Dok. A". Id-dokument A jinsab esebit a folio 8 tal-proċess. Però apparti l-fatti li f'dik id-data l-preskrizzjoni in kwistjoni kienet ġà mmaturat ruħha, u kwindi ma setgħetx tiġi nterrotta, dik l-ittra uffiċjali, kif jidher mid-Dokument A, ġiet mibgħuta lill-konvenut personalment, mentri d-debitu in kwistjoni huwa skond l-istess ċitazzjoni, allegatament dovut mis-soċjetà Wardija *Hilltop Village Development Company Limited* li għandha personalità separata u distinta mill-konvenut anki jekk dan huwa membru tagħha. Lanqas ma jidher li l-preskrizzjoni ġiet interrotta bl-aġir tal-konvenut *nomine,* għaliex dan la għaraf il-jedd ta' l-atturi u lanqas ħallas akkonti oħra wara dak tal-5 ta' Ottubru, 1981. Għalhekk, ma jirriżultax li l-preskrizzjoni li bdiet miexja fis-6 ta' Ottubru, 1981, ġiet b'xi mod miksura;

Illi kif diġà ġie aċċennat, tista' ssir rinunzja għal preskrizzjoni ġà akkwistata (art. 2108(2) Kodiċi Ċivili). Ir-rinunzja tista' tkun espressa jew taċita (meta tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat) – ara artikolu 2109 tal-

Kodiċi Ċivili. Però mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax li l-konvenut *nomine* rrinunzja għall-preskrizzjoni la taċitament u wisq anqas espressament, tant li huwa qali lill-atturi "jien ma rridx inħallas iżjed, daqshekk";

Illi a skans ta' ekwivoċi jingħad ukoll li ma rriżultaw ebda kawżi li jimpedixxu jew jissospendu l-preskrizzjoni fil-każ in eżami, għalkemm dan lanqas huwa pretiż mill-atturi;

Illi mill-premess jitnissel li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut *nomine* timmerita li tiġi milqgħua; u dan neċessarjament iġib għar-rifjut ta' l-ewwel talba ta' l-atturi *nomine;*

Ikkunsidrat dwar it-tieni talba:

Illi rriżulta, sew mill-provi orali u kemm dokumentarji, li l-konvenut *nomine qal kemm-il* darba lill-atturi biex imorru jirtiraw minn fuq il-post, fejn ħallewhom, il-puntali in kwistjoni, u kienu l-atturi li naqsu milli jagħmlu dan. Fi kliem ieħor il-konvenut *nomine* ma jidhrix li qatt irrifjuta li jagħti lura dawn il-puntali lill-atturi. Lanqas ma nġiebet ebda raġuni għaliex il-konvenut *nomine* għandu jieħu huwa dawn il-puntali lill-atturi. Ovvjament dawn il-puntali ntużaw waqt l-esekuzzjoni tax-xogħol, u bħal kull għodda oħra wieħed jistenna li huma l-atturi *li għandhom jirtirawhom. Għalhekk, anki din it-talba ta' l-atturi* għandha tiġi miċħuda. Minn dan isegwi wkoll li m'hemmx utilità li l-Qorti tieħu konjizzjonii tat-tielet talba, sew għall-ispeditezza u kemm għall-ekonomija tal-ġudizzju;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut *nomine* u konsegwentement tiċħad l-ewwel talba ta' l-atturi *nomine;* billi tiċħad it-tieni talba; u billi tastjieni ruħha *milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba;*

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-atturi *nomine.*